MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 77/2010

**Hal Mann Properties Limited (C 39013)**

**vs**

**Kummissarju tat-taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti Hal Mann Properties Limited npprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Marzu, 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. " ***Introduzzjoni***

*1.1 Dan huwa rikors ai termini tal-**Artikolu 466** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta .*

*1.2 In succinct il-fatti li jaghtu lok ghal prezentata ta' dan ir-rikors ser jigu spjegati hawn taht:-*

***2. Fatti***

*2.1 Illi s-socjeta' rikorrenti giet interpellata mill-intimat tramite ittra ufficcjali datata l-24 ta' Frar 2010, sabiex thallas is-somma ta' sitt elef hames mija w tnejn u ghoxrin Ewro w erbgha w ghoxrin centezmu (€ 6, 522.24) rapprezentanti ammont allegatament dovut mis-socjeta' rikorrenti bhala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti w trasferimenti ai termini ta' l-Artikolu 60 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 1.*

*2.2 Illi l-ammont hekk rikjest mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa allegatament dovut ghall-bejgh tal-appartament numru tnejn (2) 'Las Tortugas', Xemxija Hill San Pawl il-Bahar, ahjar deskritti fil-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dr. Robert John Muscat datat 12 ta' Frar tas-sena 2007. Fil-hames aprti tal-imsemmi kuntratt, is-socjeta' rikorrenti akkwistat minghand Transcontinental Properties Limited (C 2130) zewgt appartamenti u tlett garaxxijiet u cioe' l-appartament internament immarkat bin-numru (2) u l-appartament internament immarkat bin-numru (4), it-tnejn fil-blokk ta' appartamenti bl-isem 'Las Tortugas' go Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar.*

*2.3 Illi l-bejgh ta' l-appartamenti numru tnejn (2) u erbgha (4) flimkien mat-tlett garaxxijiet sar ghal prezz globali ta' mija u hamsa u erbghin elf Lira Maltin (LM145,000) ekwivalenti ghall-tlett mija w sebgha w tletin elf, sebgha mija w disgha w hamsin Ewro w erbatax-il centesmu (LM337,759.14).*

*2.4 Illi dan il-prezz jirrapprezenta l-valur reali u l-prezz li s-socjeta' rikorrenti attwalment sborzat ghaz-zewg appartamenti u tlett garaxxijeit fuq imsemmija.*

*2.5 Illi ai terminu tal-Kapitolu 364 tal-Ligjiet ta' Malta, it-taxxa dovuta kienet ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (LM7,500) ekwivalenti ghal sbatax-il elf erbgha mija w sebghin Ewro w tletin centesmu (Euro 17,470.30) liema ammont gie imhallas fit-total tieghu mis-socjeta' rikorrenti.*

***3. Taxxa li qieghed jitlob il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq l-appartament numru tnejn (2),' Las Tortugas', Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar.***

*3.1 Illi ai termini ta' l-ittra ufficcjali datata 24 ta' Frar 2010, anness bhala "Dokument 1", il-Kummissarju tat-Taxxi Interni iddikjara li hemm valur addizzjonali taxxabli fuq l-appartament nurmu tnejn (2) fi blokk, bl-isem 'Las Tortugas', Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar ghall-valur ta' hamsa w sittin elf mitejn u tnejn u ghoxrin euro w sittawu erbghin centesmu (€ 65,222.46).*

*3.2 Illi skond il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, is-socjeta' attrici ghandha thallas l-ammont ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin Ewro w tnax-il centesmu (€3,261.12) bhala taxxa dovuta fuq dan l-ammont, flimkien ma' penali ghall-ammont ta' tlett elef mitejn u wiehed u sittin Ewro w tnax-il centesmu (€3,261.12) ai termini tal-**artikolu 466 (2)** tal-kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta.*

***4.L-ilment tas-socjeta' rikorrenti u l-bazi li fuqha qieghed isir dan ir-rikors .***

*4.1 Illi fl-ewwel lok il-valur iddikjarat f'parti hamsa tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala "Dokument 2" huwa l-valur reali taz-zewg appartamenti numerati tnejn (2) u erbgha (4) u t-tlett garaxxijiet hemm deskritti, fuq liema valur u l-prezz attwalment sborzat thalset it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti dovuta skond il-ligi u ghaldaqstant l-ebda taxxa u ebda penali m'huma dovuti.*

*4.2 Illi dak li gie dikjarat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa totalment irrealistiku u cioe' illi l-valur reali fis-suq tal-appartament internament immarkat bin-numru ( 2) go Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar jiswa hamsa u sittin elf mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro w sitta w erbghin centesmu (€65,222,46) iktar minn dak dikjarat u dan kif jista' jigi stmat minn perit mahtur appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*4.3 Illi in oltre l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma setax iddetermina l-valur reali tal-fond u dan stante illi meta saret l-ispezzjoni mill-periti mibghuta mill-istess, l-appartament in kwistjoni kien diga' twaqqa' minhabba li meta dan inxtara kien fi stata illi jikkawza perikolu u ghaldaqstant il-periti ma setghux ghamlu spezzjoni ta' l-istess fond.*

***5. Talba.***

*5.1 Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi ordni, provvediment u dikjarazjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decisjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li l-valur ta' l-appartament numru tnejn (2), 'Las Tortugas', Xemxija Hill San Pawl il-Bahar kellu jkun ta' hamsa u sittin elf, mitejn u tnejn u ghoxrin Ewro w sitta w erbghin centesmu (€ 65,222,46) iktar minn dak dikjarat hija infondatat fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-ebda taxxa u l-ebda penali m'huma dovuti fl-intier taghhom.*
*2. Konsegwentement tiddikjara null u thassar in-notifika ta' likwidazzjoni rilaxxata nhar is-26 ta' Frar 2007, kif ukoll l-ittra ufficcjali datata l-24 ta' Frar 2010."*

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Marzu 2010 fejn ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-kontro parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata fir-registru nhar is-26 ta' Marzu 2010 fejn espona s-segwenti:-

1."*Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut, il-likwidazzjoni tat-taxxa fl-ittra ufficcjali ta' l-24 ta' Frar 2010 u Avviz ta' Likwidazzjoni maghha anness u mmarkat 'Dok A' hija ormai <u>finali u konklussiva</u> u bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti mhix vestita bil-kompetenza li tissindika l-<u>quantum</u> hemm indikat kif qieghda tippretendi l-kumpanija rikorrenti fir-rikors promotur, liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito skond il-procedura stipulata fil-Kap 364 u*

*cioe' tramite Oggezzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif jipprovdi l-**Artikolu 56** tal-imsemmi kap 364, Appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta' Oggezzjoni ta' l-esponent fi zmien tletin (30) gurnata **skond l-Artikolu 58** tal-Kap 364 u Appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin(30) gurnata ai termini ta' l-**artikolu 59** ta' l-imsemmi Att.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-kumpanija rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*i. Illi fit-2 ta' Frar 2007 id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ircieva l-Avviz (Formola DDT 1 ) skond il-ligi bid-dettalji ta' trasferiment datat 17 ta' Jannar 2007 ta' zewg (2) appartamenti u tlett (3) garaxxijiet f'Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar versu l-prezz ta' <u>LM150,000</u> (Dok KTI 1).*

*ii. Illi l-ilmenti tal-kumpanija rikorrenti fir-raba' paragrafu tar-rikors promotur fis-sens li l-valur dikjarat minnha fil-kuntratt ta' bejgh kien il-valur reali tal-bejgh, jinghad li l-**artikolu 32** tal-Kap 364 jipprovdi li t-taxxa ghandha tithallas fuq 'l-ammont jew tal-valur ta' dak li jinghata bil-hlas tal-haga trasferita jew tal-valur ta' dik il-haga, liema ikun l-akbar.' Effettivament, minn evalwazzjoni teknika li ghamel il-Perit ingaggat mid-Dipartiment irrizulta li l-valur tal-proprjeta' trasferita u deskritta f'Dok KTI 1 kien ta' LM80,000 ghal kull wiehed miz-zewg appartamenti u LM 6,000 ghal kull wiehed mit-teltt garaxxijiet trasferiti li jammonta ghall-valur globali ta' LM178,000.*

*iii. Illi l-ilment tal-kumpanija rikorrenti fil-paragrafu 4.2 tar-rikors promotur huwa bir-rispett kollu infondat stante li mir-records tad-Dipartiment jirrizulta li l-evalwazzjoni li ghamel il-perit ingaggat mid-Dipartiment kienet tirrifletti l-valur tal-prorjeta' in kwistjoni fid-data tat-trasferiment ossia fis-17 ta' Jannar 2007.*

*iv. Illi konsegwentment, in ottemporanza ma l-obbligi tieghu ai termini tal-Kap 364, fis-26 ta' Novembru 2007 l-esponent hareg Avviz ta' Likwidazzjoni fl-ammont globali ta' LM 2,800 (€ 6,522.25) rapprezentanti LM1,400 taxxa u LM1,400 taxxa addizzjonali (Dok KTI 2)*

*v. Illi mill-files tad-Dipartiment jirrizulta li l-kumpanija rikorrenti ma ntavolat l-ebda oggezzjoni bil-miktub mill-Avviz ta' Likwidazzjoni mahrug mill-esponent.*

*vi. Illi meta skada it-terminu ghall-Appell mill-Avviz ta' rifjut mahrug mill-esponent, l-Avviz ta Likwidazzjoni sar finali u konklussiv ai termini tal-artikolu 60 ta' l-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364) liema likwidazzjoni hija ormai insidikabbli.*

*3. Salv eccezzjonijeit ulterjuri."*

Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Nhar it-30 ta' Settembru 2010 xehed **Ivan Portelli** in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u spjega illi l-prezz dikjarat ghall-bejgh in desamina kien ta' LM130,000 u fuq dan il-prezz id-Dipartiment hass li kellu johrog kont ta' *additional charge value* fl-ammont ta' €65,222.46. Dan l-ammont huwa addizzjonali ghall-ammont gja dikjarat fil-kuntratt u ghalhekk kellu jizdied mas-somma ta' Lm130,000. Spjega li dan il-kont jirreferi ghal kont numru 101952 u ghalhekk dan il-kont intbaghat fuq it-transazzjoni kollha u mhux fuq xi appartament individwali msemmi fil-kuntratt. Jghid li l-perit involut f'dan il-kaz li ghamel l-istima relattiva kien il-Perit Edward Scerri.

Nhar il-25 ta' Mejju 2011 spjega f'aktar dettal il-vendita' in *subjecta materia*. Jghid li nhar is-17 ta' Jannar 2007 kien gie redatt kuntratt ta' bejgh bejn is-socjeta' rikorrenti bhala akkwirenti w is-socjeta' Transcontinental Properties Limited bhala venditur u dan dwar zewg appartamenti w tlett garaxxijiet maghrufa bhala 'Las Tortugas', Xemxija Road, San Pawl il-Bahar. Ikkonferma li dan il-kuntratt gie

registrat mad-Dipartiment nhar it-2 ta' Frar 2007. Fis-26 ta' Novembru 2007 id-dipartiment baghat Notice of Assessment fejn kien talab l-ammont ta' LM 2,800 bhala taxxa addizzjonali w penali, w dan kif imsemmi fid-dokument immarkat bhala Dok. KTI 2 esebit a fol. 26 tal-atti. Dan l-avviz intbaghat fl-indirizz tas-socjeta' rikorrenti kif muri fil-formola li tigi mimlija min-Nutar meta jipprezenta l-kuntratt lid-Dipartiment. Jghid li dan huwa l-istess indirizz fejn intbaghtet in-Notice of Assessment bil-posta registrata. Jghid li huma m'ghandhom l-ebda *return envelope* ta' dan id-dokument u ghalhekk ghalihom dan ifisser li d-dokument wasal fid-destinazzjoni tieghu. Qal li in segwitu' w cioe' fit-28 t'April 2008 u fl- 24 t'April 2009 regghu intbaghtu zewg ittri sabiex jinfurmaw lis-socjeta' rikorrenti li l-hlas kien ghadu pendenti.

Ikkonferma li s-socjeta' rikorrenti fl-ebda stadju ma rregistrat xi oggezzjoni dwar in-Notice of Assessment li kienet irceviet.

Il-**Perit Edward Scerri** xehed nhar il-15 ta' Dicembru 2010 u kkonferma li huwa kien gie imqabbad mill-Gvern sabiex jaghmel stima tal-proprjeta' konsistenti f'zewg appartamenti w tlett garaxxijiet fi blokka bini bl-isem 'Las Tortugas', Xemixija Hill, San Pawl il Bahar. Huwa fil-fatt esebixxa kopja tal-istima li huwa kien ghamel (Dok Z (fol. 52)) u jghid li minn ezami ta' l-istess dokument dan kien sar fis-sena 2007. Dan qalu mhux ghax jiftakar mill-memorja izda l-istima tieghu giet ipprezentata minnu lid-Dipartiment ftit wara li kien ghamilha, w cioe' fid-9 ta' Novembru 2007.

Mistoqsi f'liema stat kienet il-proprjeta' li huwa vvaluta jghid li ma jiftakarx. Jghid li huwa ghamel stima b'mod distint u separat ghal kull proprjeta' individwali u huwa d-Dipartiment li johrog stima wahda. Ikkonferma li f'dan il-kaz id-Dipartiment kien ghaddielu kopja tal-kuntratt li taghti deskrizzjoni tal-proprjeta in vendita'. Ghalkemm il-valuri li gew dikjarati fil-kuntratt ma gewx moghtija lilu w ghalhekk il-valuri li wasal ghalihom hu kien b'mod indipendenti.

**Il-Perit Joe Zammit** xehed nhar il-15 ta' Frar 2011 u jghid li huwa l-perit tas-socjeta' rikorrenti w kien ilu involut fil-kwistjoni odjerna sa minn meta nxtrat l-istess proprjeta'. Jghid li kien hu stess li kien applika ghall-permess tal-bini fuq il-proprjeta' w meta nxtrat il-proprjeta' in kwistjoni din kienet fi stat hazin hafna, kwazi fi stat ta' perikolozita'. Jghid li din kienet inxtrat bi skop ta' zvilupp. Qal li x-Xemxija hija art tafli w ghalhekk kien hemm hafna problemi fir-rigward ta' *excavation* u kellhom jinzlu madwar tnax-il metru w kellhom jaghmlu tmienja w ghoxrin metru *piling* u jinfdu l-bini adjacenti sabiex ma jkunx hemm moviment fil-bini adjacenti. Qal li l-*estimated costs* kontra l-*actual costs* illi effettivament intefqu kienu ferm superjuri tant li l-ispiza tal-*piling* u tal-irfid jammonta ghal circa LM160,000 u huma kienu stmawh fis-somma ta' Lm55.000.

Illi nhar is-6 ta' April 2007 ir-rikorrenti pprezenta affidavit ta' dan l-istess Perit Joe Zammit (fol. 60) li b'zieda max-xhieda li kien ta fil-Qorti huwa esebixxa rapport li juri l-ispejjez involuti f'dan l-izvilupp in kwisjtoni, w dan fl-ammont ta' €354,000. Stqarr ukoll li l-valur addizzjonali taxxabli ta' €65,222.46 ghal flat numru 2, 'Las Tortugas', Xemxija Hill, San Pawl il-Bahar, ma kienx wiehed realistiku.

**Martin Vella**, Direttur tas-socjeta' rikorrenti xehed nhar il-15 ta' Frar 2011 u kkonferma li kienu xtraw il-proprjeta' in kwistjoni nhar it-12 ta' Frar 2007 permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Robert John Muscat u dan versu l-prezz ta' LM140,000, ghalkemm il-kuntratt hu maqsum fi tnejn. Ikkonferma li l-perit tal-Gvern mar fuq il-post meta l-bini kien diga' mwaqqa' w kienu fi stat ta' *excavations.* Jghid li t-thaffir beda f'Mejju jew Gunju 2007. Jghid li meta xtraw il-proprjeta' gja kellhom f'mohhom zvilupp u taw kaz li kien hemm hafna spejjez sabiex issir il-*platform*, l-i*spiraling* u spejjez ohra konnessi mal-proprjetajiet adjacenti.

Jispjega illi wara li kien mar il-perit tal-Gvern huma kienu rcevew korrispondenza mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni . Huwa ghamel referenza ghal Notice of Assessment li hija mmarkata bhala Dok. KTI 2 a fol. 26 u kkonferma li

kien ircevieha. Mistoqsi jekk kienx irceviha flimkien mal-ittra ufficcjali jew le jghid li ma jiftakarx. Qal li l-erba' appartamenti ma nxtrawx flimkien u dan ghaliex xtara tlieta minghand persuna wahda w ir-rimanenti flat minghand persuna ohra. Ikkonferma li l-indirizz tas-socjeta' rikorrenti huwa '*The factory'*, Triq il Mosta, Hal Lija, w dan kin hekk anke fis-sena 2007. Mistoqsi jekk kienux ghamlu xi oggezzjoni wara li rcevew in-Notice of Assessment jghid li ma jidhirlux.

Illi nhar il-25 ta' Mejju 2011 l-intimatipprezenta nota bi tliet dokumenti (fol. 84). Dawn gew immarkati bhala Dok. KTI 3 Return Annwali tal-kumpanija Hal Mann Properties Limited tas-27 ta' Gunju 2007, KTI 4 Return Annwali tal-kumpanija Hal Mann Properties Limited tas-27 ta' Gunju 2008 u KTI 5 Return Annwali tal-kumpanija Hal Mann Properties Limited tas-27 ta' Gunju 2009.

Illi nhar is-16 ta' Gunju 2011 l-intimat ipprezenta nota bi tliet dokumenti ohra (fol. 97). Dawn gew immarkati bhala Dok KTI 6 l-Avviz ghal Hlas tas-26 ta' Gunju 2008, Dok KTI 7 Talba ghal Hlas tas-26 ta' Novembru 2008 u Dok KTI 8 Talba ghal Hlas tal-24 ta' April 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Gunju 2011 u dik tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata nhar il-5 ta' Awwissu 2011.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta s-segwenti:-

a. Illi fit-2 ta' Frar 2007 is-socjeta' rikorrenti mliet il-formola DDT 1 skond il-liġi bid-dettalji ta' trasferiment datat 17 ta' Jannar 2007 ta' żewġ (2) appartamenti u tlett (3) garaxxijiet f'Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar minn Transcontinental Properties Ltd. lill-Hal Mann Properties Ltd. versu l-prezz ta' Lm150,000 u dan kif jirriżulta mid-dokument immarkat bħala **'Dok KTI 1'** (fol. 96 tal-Atti);

b. Illi effettivament ir-rikorrenti kien ghamel zewg kuntratti mas-socjeta' Transcontinental Properties Ltd. u l-kawza odjerna tirreferi **biss** ghat-tieni bejgh u cioe' ghas-segwenti proprjetajiet kif indikati fid-Dok KTI1, Dok KTI 6, Dok KTI 7 u Dok KTI 8 -

- appartament fil-pjan terran bin-numru 2, '*Las Tortugas*', Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar;
- appartament ieħor fl-ewwel sular immarkat bin-numru 4, '*Las Tortugas*', Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar;
- tlett garaxxijiet bla numru fl-istess blokka '*Las Tortugas*', Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar;

c. Illi d-Dipatiment kien inkariga lill-Perit Edward Scerri sabiex jispezzjona l-fondi ndikati fid-Dok KTI 1 u dan sehh fis-17 ta' Jannar 2007 (skond Dok Z) u kien ta stima bhala valur ta' LM80,000 ghal kull appartament hekk trasferit u LM6,000 ghal kull garaxx, ghal total ta' LM178,000;

d. Illi in segwitu' d-Dipartiment hareg Avviz ta' Likwidazzjoni u dan fis-26 ta' Novembru 2007 fl-ammont globali ta' LM2,800 (€6,522.25) rappreżentanti Lm1,400 taxxa u Lm1,400 taxxa addizzjonali (**Dok KTI 2** a fol. 26 tal-Atti) u dan intbaghat bil-posta reġistrata fl-indirizz li Hal Mann Properties Limited stess indikat f' **Dok KTI 1** u cioè '*The Factory, Mosta Road, Lija'* u dan dejjem fir-rigward il-proprjeta' li giet indikata fid-dokument KTI 1 relatat mal-kuntratt ta' trasferiment li sar nhar is-17 ta' Jannar 2007. Jinghad li skond Martin Vella, Direttur tas-socjeta' rikorrenti, dan hu l-indirizz tas-socjeta' minnu rapprezentata w dan huwa wkoll l-istess indirizz fejn il-kumpanija rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali numru 810/2010 tal-24 ta' Frar 2010 annessa mar-rikors promutur u mmarkata 'Dokument 1';

e. Illi Martin Vella ikkonferma li huwa kien irċieva n-*Notice of Assessment* immarkat bħala 'KTI 2' nhar il-15 ta' Frar 2007 u kkonferma li ma saret l-ebda oġġezzjoni mis-socjeta' rikorrenti fuq in-*Notice of Assessment* li irceviet;

f. Jirrizulta wkoll li wara li ntbagħat l-Avviż ta' Likwidazzjoni bil-posta reġistrata, iżda l-pagament relattiv

baqa' ma sarx, intbagħtu tlett avviżi oħra biex ifakkru lill-kumpannija rikorrenti li l-ħlas relattiv għadu pendenti. Dawn huma '**Dok KTI 6', 'Dok KTI 7'** u **'Dok KTI 8**' li lkoll intbagħtu fl-indirizz uffiċjali tal-kumpannija rikorrenti bil-posta regolari;

g. Illi fl-24 ta' Frar 2010, l-intimat ipprezenta l-Ittra Uffiċjali in kontestazzjoni. għat-trasferiment kollu li għalih jirreferi '**Dok KTI 1'** u mhux biss '*Flat 2, Las Tortugas, Xemxija Hill, San Pawl il-Baħar*' kif erronjament qed tallega l-kumpannija rikorrenti;

Illi dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm wisq x'jinghad aktar. Din il-Qorti tghid li la darba jirrizulta li l-imsemmi Avviż intbagħat kif trid il-liġi bil-posta reġistrata u fir-*registered office* tal-kumpannija rikorrenti, w dan ma giex kontestat, allura llum il-gurnata l-likwidazzjoni hija finali w konklussiva . In fatti l-**artikolu 60 tal-Kap 364** jiddisponi s-segwenti:-

'*Meta ma tkun saret ebda oġġezzjoni jew appell validu kontra likwidazzjoni, jew meta l-ammont tat-taxxa jkun ġie miftiehem skond l-artikolu 56(2), jew meta l-ammont ta' taxxa u taxxa addizzjonali jitħallas skond l-artikolu 52 ta' l-Att, għar-rigward dik it-taxxa u t-taxxa addizzjonali hekk imħallsa, jew meta appell ikun ġie irtirat jew ċedut, jew meta l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas ikun ġie stabbilit wara oġġezzjoni jew appell, il-likwidazzjoni kif magħmula jew miftiehma jew kif stabbilita wara oġġezzjoni jew appell, skond il-każ, tkun finali u konkluživa għall-finijiet kollha ta' dan l-Att*' (sottolinear ta' din il-Qorti);

Ir-rikorrenti ma kkontestax tali procedura ghal ragunijiet maghrufa minnu, izda mhux ghaliex ma kienx gie notifikat bl-Avviz, u ghalhekk illum l-intimat ghandu titolu esekuttiv kontra r-rikorrenti skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 60A tal-Kap. 364.** Illi dan ifisser li kemm-il darba dan huwa l-kaz, li r-rikorrenti ma wzax il-mezzi disponibbli ghalih skond id-disposizzjonijiet appositi tal-imsemmi Att, mela allura llum m'huwiex f'posizzjoni li jattakka l-ittra

ufficjali mahruga abbazi tal-**artikolu 466 tal-Kap. 16** datata 17 ta' Jannar 2007, u dan peress li gja hemm titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 364.**

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell, u dan minn sentenza taghha kif presjeduta moghtija nhar l-10 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **'Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxi Interni',** liema sentenza nghatat mill-Qorti ta' l-Appell ricentement nhar it-28 ta' Gunju 2011, fejn gie ritenut is-segwenti:

'*Illi għalhekk jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji lilu spettanti mil-liġi sabiex jikkontesta l-kont tal-intimat li fil-fehma tiegħu kien arbitrarju. Dan mhux il-forum idoneju u semmai r-rikorrenti messu ppreżenta appell, ħaġa li m'għamilx, u għalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi rifjutata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat.*'

Dwar l-ilment tas-socjeta' rikorrenti kif indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, li ghandha ssir referenza ghall-**artikolu 32 tal-Kap 364 li** jipprovdi li t-taxxa għandha titħallas fuq *'l-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata bil-ħlas tal-ħaġa trasferita jew tal-valur ta' dik il-ħaġa, liema jkun l-akbar', g*halhekk dan ifisser li skond il-valur tal-haga w mhux tal-valur dikjarat, u kien ghalhekk li l-intimat qabbad perit sabiex jaghmel stima tal-proprjeta' in vendita', ghaliex kieku ma kienx ikollu l-valur reali tal-proprjeta' in vendita'*.* Jinghad bla tlaqliq li l-Perit Scerri ma qabilx mal-ammonti dikjarati mis-socjeta' rikorrenti w ghalhekk kien jispetta lill-istess socjeta' rikorrenti, fil-hin proprizju taghha, li tikkontesta dak l-imsemmi Avviz – haga li m'ghamlitx u b'hekk giet li accettat l-istima tal-perit.

Dwar dak li gie sollevat mis-socjeta' rikorrenti fin-nota taghha, w cioe' fejn eccepiet il-preskrizzjoni, din il-Qorti tiddikjara li mhix ser tghati kasha, w dan a bazi tal-**artikolu 2111 tal-Kap 16** li jipprovdi li '*Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata.*' Ghalhekk stante li fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' rikorrenti ma ghamlet l-

ebda referenza ghal tali eccezzjoni, l-Qorti ser tiskarta dak kollu li ntqal f'dan ir-rigward.

**Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li <u>tilqa' r-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, tichad ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 10 ta' Marzu 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet decizi aktar 'il fuq.</u>**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------